

## II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U  
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Komunikazzjoni mill-Kummissjoni rigward il-kwantità disponibbli għas-subperjodu ta' Mejju 2011  
fil-qafas ta' ċerti kwoti miftuħa mill-Unjoni Ewropea għal prodotti tas-settur tar-ross**

(2011/C 35/01)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1274/2009 fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' ross li joriġina mill-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (OCT) <sup>(1)</sup>. Ma ġewx imressqa applikazzjonijiet għal liċenzja tal-importazzjoni matul l-ewwel sebat ijiem ta' Jannar 2011 għall-kwoti bin-numru tas-serje 09.4189 u 09.4190.

Skont it-tieni sentenza tal-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 <sup>(2)</sup>, il-kwantitajiet li għalihom ma jittressqux applikazzjonijiet għandhom jiżdiedu ma' tas-subperjodu ta' wara.

Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 1(5) tar-Regolament (UE) Nru 1274/2009, il-kwantitajiet disponibbli fis-subperjodu ta' wara għandhom jiġu nnotifikati mill-Kummissjoni sal-25 jum tal-aħħar xahar ta' subperjodu partikolari.

B'konsegwenza ta' dan, il-kwantità totali disponibbli għas-subperjodu ta' Mejju 2011 fil-kuntest tal-kwoti bin-numri tas-serje 09.4189 u 09.4190, kif imsemmija fir-Regolament (UE) Nru 1274/2009, huma stabbiliti fl-Anness għal din il-Komunikazzjoni.

<sup>(1)</sup> ĠU L 344, 23.12.2009, p. 3.

<sup>(2)</sup> ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

## ANNEX

**Kwantitajiet disponibbli għas-subperjodu li jmiss, skont ir-Regolament (UE) Nru 1274/2009**

Oriġni	Numru tas-serje	Applikazzjonijiet għal liċenzja tal-importazzjoni milqugħa għas-subperjodu ta' Jannar 2011	Kwantità totali disponibbli għas-subperjodu ta' Mejju 2011 (t'kg)
L-Antilli Olandiżi u Aruba	09.4189	( <sup>1</sup> )	16 667 000
OCTs l-inqas żviluppati	09.4190	( <sup>1</sup> )	6 667 000

(<sup>1</sup>) Ma japplikax il-koeffiċjent ta' allokkazzjoni għal dan is-subperjodu; il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda applikazzjoni għal liċenzja.